



## Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, is-17 ta' Jannar 2022

# Il-kontribut tal-UE lejn l-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi mhuwiex ċar

F'rapport speċjali ppubblikat illum, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) issejjaħ għal kjarifika dwar il-kontribuzzjonijiet li saru permezz tal-fondi mill-UE għall-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi. L-awdituri kkonkludew li l-finanzjament mill-UE għadu mhux marbut suffiċjentement mal-ħtiġijiet tal-intrapriżi. U r-riżultati mistennija tiegħu, għalkemm huwa impossibbli li jinqabdu taħt il-qafas ta' monitoraġġ eżistenti, x'aktarx li jagħtu biss input modest lejn l-oġettivi tal-effiċjenza fl-enerġija tal-UE. Fost affarijiet oħra, l-awdituri sabu evidenza li tissuġġerixxi li għadd ta' proġetti setgħu irnexxew mingħajr appoġġ pubbliku.

L-effiċjenza fl-enerġija hija parti importanti mill-ambizzjoni tal-UE li ssir newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju sal-2050. Iżda għadhom meħtieġa sforzi sinifikanti, u l-intrapriżi għandhom rwol importanti x'jaqdu. Konsegwentement, flimkien mal-miżuri proprji tal-Istati Membri, l-UE iddedikat ammonti sinifikanti ta' finanzjament biex tappoġġa t-titjib fl-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi bejn l-2014 u l-2020.

L-awdituri osservaw li l-livell ta' appoġġ ippjanat taħt il-politika ta' koeżjoni tal-UE naqas fi snin reċenti, minn pakkett kumplessiv ta' EUR 3.2 biljun fl-2016 għal EUR 2.4 biljun fl-2020. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira mill-infiq ġie kkonċentrat fi ftit Stati Membri biss. Minnhom, ħamsa biss (ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, il-Ġermanja, l-Italja u l-Bulgarija) jirrappreżentaw madwar żewġ terzi tal-infiq allokat għall-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi.

*"It-titjib tal-prestazzjoni tal-enerġija fl-intrapriżi, ikun x'ikun is-settur li fih joperaw, huwa kruċjali jekk l-UE trid tilħaq l-għan tagħha li tnaqqas l-emissjonijiet b'mill-inqas 55 % sal-2030", qal Samo Jereb, il-membri tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għar-rapport. "Sa issa, madankollu, l-effett reali tal-finanzjament mill-UE fuq l-effiċjenza fl-enerġija fl-intrapriżi għadu mhuwiex ċar."*

Ir-rapport jixħet dubju fuq il-valur miżjud reali tal-finanzjament mill-UE. Huwa ċar li l-għotjiet mill-UE jaqdu rwol meta l-intrapriżi jieħdu deċiżjonijiet ta' investiment. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, iżda, l-investimenti li rċevew finanzjament kienu diġà ippjanati. Fi kliem ieħor, ħafna proġetti kienu jibqgħu għaddejnin mingħajr l-appoġġ mill-UE. L-awdituri josservaw li anke mingħajr appoġġ pubbliku, l-investiment fl-effiċjenza fl-enerġija huwa ġeneralment effiċjenti. Skont l-istimi, l-iffrankar ta' unità waħda ta' enerġija huwa irħas mill-pagament għall-istess ammont ta' elettriku,

*L-iskop ta' din l-istqarrija għall-istampa huwa li jingħataw il-messaġġi prinċipali tar-rapport speċjali maħruġ mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri. Ir-rapport sħiħ huwa disponibbli fuq [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu).*

## ECA Press

12, rue Alcide De Gasperi – L-1615 Luxembourg

E: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu) @EUAuditors [eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)

is-sors ta' enerġija li ntuża b' mod predominanti. Din id-dikjarazzjoni saret aktar veritiera kemm ilhom li reġgħu għolew il-prezzijiet tal-enerġija.

Il-kontribut kumplessiv tal-finanzjament mill-UE ma jistax jiġi ddeterminat faċilment. L-awdituri osservaw li ma hemm l-ebda valutazzjoni tal-prestazzjoni possibbli fil-livell tal-UE: l-awtoritajiet nazzjonali għandhom tabilħaqq indikaturi, iżda dawn ivarjaw minn Stat Membru għall-ieħor, u xi kultant anke bejn programmi fl-istess Stat Membru.

Fin-nuqqas ta' informazzjoni kkonsolidata fil-livell tal-UE, l-awdituri wettqu l-kalkoli proprji tagħhom. Huma jistmaw li l-iffrankar potenzjali ġġenerat mill-proġetti kkofinanzjati fl-intrapriżi jirrappreżenta madwar 0.3 % tal-isforz meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza fl-enerġija tal-UE għall-2030. Fi kliem ieħor, il-proġetti ta' effiċjenza fl-enerġija ffinanzjati mill-UE se jagħtu biss kontribut modest għall-oġġettivi tal-UE.

### Informazzjoni ġenerali

Id-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija hija l-istrument legali ewlieni tal-UE fil-qasam tal-effiċjenza fl-enerġija. Hija tirrikjedi li l-Istati Membri jqiegħdu fis-seħħ miżuri biex jilħqu l-miri nazzjonali ta' effiċjenza fl-enerġija, li min-naħa tagħhom se jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri tal-UE. Fil-Pjanijiet ta' Azzjoni Nazzjonali għall-Effiċjenza fl-Enerġija tagħhom, l-Istati Membri stabbilew miżuri għaż-żieda fl-effiċjenza fil-provvista, it-trażmissjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija, kif ukoll miżuri applikabbli għall-utenti aħħarin.

Ir-Rapport Speċjali Nru 2/2022, "Iffrankar tal-enerġija, iżda hemm dgħufijiet fl-ippjanar u fl-għażla tal-proġetti" huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA ([eca.europa.eu](http://eca.europa.eu)).

Fl-2020, il-QEA ppubblikat rapport dwar [l-investimenti tal-UE relatati mal-effiċjenza fl-enerġija fil-bini residenzjali](#), kif ukoll rapport dwar [l-azzjoni tal-UE fil-qasam tal-ekodisinn u t-tikkettar tal-enerġija](#).

Il-QEA tippreżenta r-rapporti speċjali tagħha lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-UE, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra bħall-parlamenti nazzjonali, il-partijiet ikkonċernati tal-industrija u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Il-maġġoranza l-kbira tar-rakkomandazzjonijiet li jsiru fir-rapporti jiddaħħlu fil-prattika.

### Kuntatt għall-istampa

Uffiċċju tal-istampa tal-QEA: [press@eca.europa.eu](mailto:press@eca.europa.eu)

- Vincent Bourgeois: [vincent.bourgeois@eca.europa.eu](mailto:vincent.bourgeois@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 551 502
- Claudia Spiti: [claudia.spiti@eca.europa.eu](mailto:claudia.spiti@eca.europa.eu) - M: (+352) 691 553 547